*Elementi tal-Istitut ta' res iudicata – meta jigu investiti f'kawza ohra kwistjonijiet li jkunu inghataw in linea ta' eccezzjoni*

# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 7 ta' Lulju, 2017.**

**Numru 20**

**Rikors Numru 603/06TA**

**Vassallo and Xuereb Ltd (C-10671)**

**vs**

**BIM Limited (C-475)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tas-Socjeta` attrici pprezentat fit-3 ta' Lulju 2006 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

"1. Illi s-socjeta` rikorrenti kienet ottjeniet kuntratt minghand Spinola Development Ltd ghal fornitura u installar ta' gallariji u poggiamani gewwa l-kumpless residenzjali maghruf bhala l-"Portomaso" gewwa San Giljan;

2. Illi l-imsemmija gallariji u poggiamani kellhom jigu ggalvanizzati u mizbugha qabel ma jigu installati, u ghal dan il-ghan is-socjeta` rikorrenti kienet is-subappaltat dawn is-servizzi lis-socjeta`;

3. Illi s-socjeta` rikorrenti forniet il-hadid mahdum lis-socjeta` intimata sabiex hi imbaghad tghaddi ghall-igalvanizzar u tibjid tal-istess hadid.

4. Illi s-socjeta` intimata pprovdiet dawn is-servizzi u s-socjeta` rikorrenti pprocediet bit-twahhil tal-hadid lest gewwa l-Portomaso residential complex.

5. Illi s-socjeta` Spinola Development Ltd, bdiet tikkomunika mas-socjeta` rikorrenti ghax allegat li l-iggalvanizzar u t-tibjid tal-hadid ma kienetx saret skond is-sengha u l-arti u in konformita` ma dak rikjest fuq is-suq ghall-galvanizzar u tibjid ta' hadid li jkollu jitwahhal gewwa siti li jkunu vicin il-bahar – Ara ittra minn Spinola Development Co Ltd lis-socjeta` rikorrenti hawn annessi u mmarkat Dokument VX1;

6. Illi, s-socjeta` Spinola Development Limited ikkumissjonat rapport mill-esperti fil-kamp tax-xoghol in kwistjoni, s-socjeta` Marine and Industrial Consultancy Services Limited (MICS), hawn anness bhala dokument VX2, fejn huma kkonfermaw il-hsara li kienet bdiet tidher fil-hadid inkwistjoni u fejn dawn attribwew il-hsarat ghal difetti fil-galvanizzar u tibjid;

7. Illi d-danni li kienu qeghdin jivvantaw is-socjeta` Spinola Development Limited fil-konfront tas-socjeta rikorrenti kienet ghal valur ta' sbatghax il-lira u hamsin centezmu l-metru jimxi (Lm17.50 per meter run), li fit-totalita tal-progett kien jammonta ghal xi sebgha u hamsin elf lira Maltija (Lm57,000);

8. Illi s-socjeta` rikorrenti mill-ewwel ikkomunikat mas-socjeta` intimata, anke permezz ta' ittra legali mibghuta ghan-nom taghha, sabiex jidhru parti fid-diskussjonijiet mas-Spinola Development Limited, izda dawn, wara li ghall-ewwel ammettew verbalment mas-socjeta` rikorrenti li kien hemm problema, dawn imbaghad irrifjutaw billi insistew li ma kellhom l-ebda responsabilita – ara dokumenti hawn annessi u mmarkati dokumenti VX3,VX4 u VX5;

9. Illi s-socjeta` rikorrenti marret kemm il-darba fuq il-post sabiex jivverifikaw il-hsara li kien qed jigi fil-hadid, u kkonfermat li kien minnu li l-hadid beda johroglu s-sadid u tikkek bojod fiz-zebgha;

10. Illi s-socjeta` rikorrenti, ffaccjat bil-hsara li kien qieghed isehh, pprosegwiet billi tittransigi mas-socjeta` Spinola Development Limited sabiex tinsab soluzzjoni ghal din il-problema;

11. Illi anki f'dan l-istadju s-socjeta` intimata baqghet tirrifjuta li tippartecipa fid-diskussjonijiet;

12. Illi wara hafna sforzi mis-socjeta` attrici sabiex tirrisolvi l-problemi li nqalghu, s-socjeta` attrici ftehmet mas-socjeta` Spinola Development Limited sabiex jigi kkwantifikat id-dannu u minflok li s-socjeta` rikorrenti taghmel ix-xoghol rimedjali, thallas is-somma ta' ghaxart elef lira Maltija lis-socjeta` Spinola Development Limited in full and final settlement tat-talbiet ta' l-istess socjeta` Spinola Development Limited - ara kuntratt ta' ftehim datat 22 ta' Mejju 2006 hawn anness bhala Dokument VX6;

13. Illi, s-socjeta` intimata baqghet tinsisti li ma kellha l-ebda responsabilita ghal dawn il-hsarat, u dan anke wara li s-socjeta` rikorrenti kienet infurmat lis-socjeta` intimata li kienet ser tipprova tasal fi ftehim bonarju mas-Spinola Development Limited;

14. Illi huwa car u bla dubbju li r-responsabilita ghal dawn il-hsarat huma kollha u unikament attribwibbli lis-socjeta` intimata BIM Limited li ghalkemm interpellati baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant jghidu l-intimati ghaliex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, il-ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara li minhabba traskuragni, negligenza u/jew ezekuzzjoni tax-xoghol mhux skond is-sengha u l-arti da parti tas-socjeta` intimata, s-socjeta` intimata hija unikament responsabbli ghal hsara u d-danni li gew sostenuti mis-socjeta` rikorrenti fil-konsenja lil Spinola Development Co Ltd, tal-galleriji u poggiamani fil-kumpless residenzjali Portomaso, San Giljan; u

2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' ghaxart elef lira maltija b-kwantu danni sofferti mis-socjeta` rikorrenti.

Bl-ispejjez u l-imghax legali mit-22 ta' Mejju 2006 kontra l-intimati, li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta tas-Socjeta` konvenuta u d-dikjarazzjoni mahlufa minn Charles Ebejer tad-9 ta' Awwissu 2006 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

"1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjs kollha kontra l-istess socjeta` rikorrenti.

2. Illi mhux minnu illi s-socjeta` esponenti hija responsabbli ghal xi danni sofferti mis-socjeta` rikorrenti, u s-socjeta` esponenta gja iddikjarat dan kemm il-darba, verbalment u bil-miktub, u dejjem sostniet il-posizzjoni taghha mas-socjeta` rikorrenti. Is-socjeta` esponenti ma tisa' qatt tkun responsabbli ta' traskuragni, negligenza u/jew ezekuzzjoni tax-xoghol mhux skond is-sengha u l-arti stante illi x-xogholijiet maghmula minnha saru skond l-ordnijiet lilha maghmula u kif minnha ordnat. Illi ghalhekk kienet zbaljata s-socjeta` rikorrenti illi taccetta illi thallas danni bil-premessa illi hija tigborhom minghand min dejjem ikkontenda illi mhux responsabbli ghalihom.

3. Illi huwa insostenibbli illi filwaqt illi s-socjeta` esponenta tichad kull responsabbilita` ghal allegat danni – dik rikorrenti taccetta somma

likwidata in linea ta' danni u sussegwentement tintavola l-odjerni proceduri kontra s-socjeta` esponenta, u ghalhekk anke kieku minghajr pregudizzju u ghall-grazzja ta' l-argument, din il-Qorti kellha ssib responsabbilita` ghal danni da parti tas-socjeta` esponenta, din l-Onorabbli Qorti ma tistghax tasal biex tikkundanna lis-socjeta` esponenta thallas is-somma mitluba meta ma jkun hemm ebda skrutinju ta' kemm huwa minnu illi l-istess socjeta` esponenti tkun responsabbli ghal dak l-ammont ta' hsara jew danni.

4. Illi s-socjeta` rikorenti kellha l-obbligu illi timminimizza kull danni u f'dan il-kaz dan ma ghamlitux peress illi l-kontestazzjonijiet imressqa mis-socjeta` esponenti ghall-allegazzjonijiet tas-socjeta` Spinola Developments Limited ma fittxitx illi ssostnihom u qabbdet u kkonkludiet ftehim bonarju ghall-hlas ta' danni – illi issa mhux giustifikat illi tghaddihom fuq is-socjeta` esponenti.

5. Illi s-socjeta` rikorrenti ntavolat dawn il-proceduri biss wara illi s-socjeta` BIM Limited intavolat proceduri kontra taghha ghall-hlas tal-bilanc rimanenti ta' Lm3226.33 – kawza pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) numru 52/2006SM.

6. Salv risposti ulterjuri.

7. Bl-ispejjes kollha kontra is-socjeta` rikorrenti."

Rat l-avviz tat-23 ta' Frar 2017 dwar l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imhallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li bis-sahha tieghu l-kawza odjerna giet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kienet diga` imhollija ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Qrat ix-xhieda li gew imressqin mill-partijiet;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-18 ta' Mejju 2017, fejn il-kawża thalliet ghallum ghas-sentenza;

**Il-Fatti tal-kawza**

**1.** Is-Socjeta` attrici hadet minghand Spinola Development Ltd kuntratt biex tforni l-materjal u tinstalla gallariji u poggiamani gewwa l-kumpless residenzjali ta' "Portomaso" gewwa San Giljan.

**2.** B'konsegwenza tal-kuntratt fuq imsemmi, is-Socjeta` attrici issubappaltat lis-Socjeta` konvenuta biex tiggalvanizza u tizbogh il-hadid ta' dan ix-xoghol u dan billi s-Socjeta` attrici pprovdiet il-hadid mahdum ghall-iskop imsemmi.

**3.** Wara jew waqt l-installazzjoni tax-xoghol deskritt, is-Socjeta` attrici bdiet tircievi protesti minghand Spinola Developments Ltd, li x-xoghol ta' galvanizzar u tibjid tal-hadid ma kienx sar skont l-arti u sengha, tenut kont li dan twahhal qrib il-bahar.

**4.** Is-Socjeta` attrici accettat li dan ix-xoghol sar hazin u sar ftehim ma' Spinola Development Ltd fis-sens, li ghamlet tajjeb ghal din il-hsara fl-ammont ta' LM10,000. Dawn tnaqqsu minn ammonti ohrajn li s-Socjeta` attrici kellha tiehu minghand Spinola Developments Ltd.

**5.** Il-kawza li ghandha quddiemha l-Qorti tirrigwarda talba, li s-Socjeta` attrici ghamlet lis-Socjeta` konvenuta sabiex in linea ta' danni, din l-ahhar thallasha l-ammont hallset lil Spinola Development Ltd kif fuq

inghad. Is-Socjeta` konvenuta, kemm qabel u kif ukoll waqt il-kawza odjerna, dejjem insistiet li ma ghandha ebda responsabbilta` ghal dak li gara.

**Punt ta' Ligi**

**6.** Qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tinvesti l-mertu, l-ewwel ser ikollha tikkunsidra l-import tal-hames eccezzjoni tas-Socjeta` konvenuta fid-dawl tad-dokument esebit a fol 82 tal-process u cioe` il-kawza deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Silvio Meli, illum Imhallef, fl-24 ta' Novembru 2009 fl-ismijiet inversi u kif ukoll tal-verbal tal-15 ta' Gunju a fol 89 tal-process.

**7.** Fi ftit kliem din il-Qorti trid tezamina jekk tqanqlitx il-kwistjoni tar-*res iudicata* anke jekk ma inghatatx formalment u jekk hekk tqanqlet, jirrizultawx l-elementi ta' dan l-Istitut li huwa meqjus bhala wiehed ta' ordni pubbliku.

**Konsiderazzjonijiet**

**8.** Id-dibattitu, li ormai ilu jkarkar quddiem dawn il-Qrati, jekk l-Istitut tar-*res iudicata* jistax jitqanqal *ex ufficio* mill-Qorti stess meta l-konvenut ma jaghtix eccezzjoni f'dan is-sens, jehtieg li jkun iccarat. Din il-Qorti taqbel mal-insenjament fid-decizjoni moghtija mill-**Prim Awla tal-Qorti**

**Civil fl-ismijiet Vincent Cilia -vs- Prim Ministru tat-28 ta' Jannar 2005, per Imhallef Tonio Mallia**, u dan fid-dawl tal-importanza ta' dan il-principju ghall-kamp tac-certezza u l-evazjoni ta' gudizzji kontradittorji. Ghandu jkun serjament ikkunsidrat li dan il-principju jkun sollevabbli *ex ufficio* mill-Qorti, pero' bl-applikazzjoni tal-artikolu 732A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-Qorti temmen, li sabiex dan id-dibattitu jkun terminat darba ghal dejjem, dan l-Istitut ghandu jkun elenkat fost dawk l-istanzi imsemmija f'artikolu 774 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan qieghed jinghad biex tkun stabbilita applikazzjoni cara u certa, kull darba li dawn il-Qrati jiltaqghu ma' dan l-Istitut, meta hadd mill-partijiet ma jkun issollevah.

**9.** Fil-kaz li ghandha quddiemha, din il-Qorti ma tarax il-htiega li tidhol f'dan l-argument, fid-dawl tal-eccezzjoni numru 5 tas-Socjeta` konvenuta u tal-esebizzjoni tas-sentenza (a fol 28 ) flimkien mal-verbal fuq imsemmi, maghmul minn Dr. Ian Spiteri Bailey ghas-Socjeta' konvenuta. Skont din il-Qorti, dan kollu juri li l-konvenut ried li tkun attirata l-attenzjoni ghal kwistjoni tar-*res iudicata*, ghaliex possibilment kienet tista' tincidi fuq il-mertu tal-kawza odjerna. Irid jinghad li meta bdiet din il-kawza, il-kawza l-ohra kienet ghadha pendenti.

**10.** F'dan l-istadju issir referenza ghas-segwenti decizjonijiet u cioe` ***Nutar Oscar Azzopardi vs Gerald Cuschieri*** **Prim Awla, 19 ta' Dicembru 1950 (Kollezz. Vol. XXXIV.ii.725);** ***Pawlina Zammit pro et***

***noe vs Gerald Zammit* Prim Awla, 28 ta' Gunju, 1954 (Kollezz. Vol. XXXVIII.ii.533); *Assunta Cassar vs Avukat Dott. Carmelo Zammit noe,* Qorti ta' l-Appell, 4 ta' Novembru 1955 (Kollezz. Vol.XXXIX.i.282); *Giuseppe Mallia vs Carmelo Giordimaina,* Prim Awla, 11 ta' Novembru 1957 (Kollezz. Vol.XLI.ii.1163); *Toni Pellegrini vs Maurice Abela et noe,* Qorti Kostituzzjonali, 9 ta' Marzu 1966**.

**11.** Ghalkemm hemm xi sentenzi f'sens differenti, id-dottrina u l-gurisprudenza prevalenti fis-sentenzi appena citati hija fis-sens li din l-eccezzjoni mhix wahda minn dawk li huma sollevabbli *ex officio* u ghalhekk din l-eccezzjoni hija wkoll rinunzjabbli. B'dan pero`, li una volta li parti tigbed l-attenzjoni tal-Qorti, anke jekk biss indirettament u mhux f'forma ta' eccezzjoni moghtija formalment, li hemm sentenza ohra u precedent bejn il-partijiet fuq l-istess materja u fuq l-istess kawzali, il-gudikant hu obbligat li jinvesti l-kwistjoni.

**12.** Il-Qorti tqis dak li intqal aktar 'l fuq, u cioe` l-iter processwali li bih tqanqlet indirettament din l-eccezzjoni, u ghalhekk una volta din il-Qorti giet a konjizzjoni ta' din is-sentenza, ma setghetx iddawwar wiccha u ma tikkunsidrax l-import taghha. Fil-verbal fuq imsemmi (a fol 89) jinghad li dik is-sentenza "illum gudikat". Fil-fatt din il-Qorti ikkontrollat jekk kienx hemm appell minn dik is-sentenza. Appell ma kienx hemm. F'dan l-istadju din il-Qorti trid tinnota wkoll, li l-partijiet messhom kienu aktar

tempestivi f'dan ir-rigward u mhux hallew kwazi trapass ta' sitt xhur qabel ma attiraw l-attenzjoni ta' din il-Qorti dwar dan il-fatt.

**13.** Wara din il-konstatazzjoni, imis li jkun meqjus jekk jesistux l-elementi kollha tal-Istitut tar-res iudicata. Kif dejjem gie ritenut minn dawn il-Qrati, biex l-eccezzjoni tar-*res iudicata* tirnexxi jridu jigu pprovati tlett elementi:- *aedem res* u cioe` l-istess oggett, *eadem personae* cioe` l-istess partijiet u *aedem causa petendi* cioe` l-istess mertu **(ara Charles Cortis -vs- Francis X. Aquilina, Prim Awla, 29 ta' Settembru 2003)**.

Ma hemm ebda dubbju li s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet bejn l-istess partijiet ghal din il-kawza u ghalhekk sodisfatt l-element tal-*aedem personae*. L-ammont li gie reklamat kien imsejjes fuq talba ta' hlas abbazi ta' subappalt, li huwa l-istess wiehed li ghandha quddiemha l-Qorti fil-kawza odjerna. Ghalhekk sodisfatt anke l-element tal-*eadem res*.

**14.** Jibqa' biex jigi ezaminat it-tielet element, dak ta' *aedem causa petendi*. Is-Socjeta' attrici, izda konvenuta f'dik il-kawza, hasset li kellha taghti eccezzjoni ulterjuri:-

> "Illi t-talbiet tas-Socjeta` rikorrenti ghandhom jigu michuda stante li, kif jigi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-appalt li bih kienet inkarigata s-socjeta` rikorrenti ma sarx skont l-arti u s-sengha".

**15.** Huwa minnu ukoll li fit-tieni eccezzjoni ulterjuri, zammet minghajr pregudizzju l-pretensjoni ghad-danni vantati fil-kawza odjerna.

**16.** Indipendentement minn dik ir-riserva, b'dik l-eccezzjoni ulterjuri, dik il-Qorti giet adita li tiehu konjizzjoni ukoll, ta' jekk ix-xogholijiet minn BIM Ltd sarux skont l-arti u s-sengha. Talba, li ukoll qeghdha tkun esperita fil-kawza odjerna. B'konsegwenza, dik il-Qorti kellha tinvesti dik l-eccezzjoni biex setghet tasal ghal dik id-decizjoni taghha. Di fatti fuq dan il-punt dik il-Qorti qalet hekk:-

> "Illi tenut kont tas-suespost, galadarba is-socjeta` rikorrenti forniet materjal adegwat, fejn id-diskrepanzi li rrisultaw kienu jidhlu fin-norma tax-xoghol in dezamina allura s-socjeta` intimata ma ghandiex ghalfejn tilmenta u dan, molto piu`, ghaliex grossolanament naqset hi stess milli tirrikjedi specifikazzjonijiet precizi kif normalment isir f'dawn ic-cirkostanzi, u kif effettivament uriet li kienet kapaci tirrikjedi f'din il-procedura - meta kien tard wisq".

**17.** Il-problematika tal-kwistjoni timpernja fuq id-dibattitu, jekk meta l-Qorti, tinvesti mertu, abbazi ta' eccezzjoni u mhux tal-Att promotur, tissodisfax l-appilkazzjoni tal-element tal-*aedem causa petendi* biex jinghad li jikkonfigura l-Istitut tar-*res iudicata* f'kawza li ssir wara, jew li tkun ghadha pendenti, bhal ma' huwa l-kaz tal-kawza odjerna.

**18.** F'dan il-kuntest huwa opportun li jinghad illi l-gurisprudenza tal-Qrati taghna fuq din il-kwistjoni hija konkordi, li l-gudikat jifforma ruhhu mhux biss ghar-rigward ta' dak li gie diskuss espressament, imma anki ta' dak li messu gie diskuss, mill-parti li kellha tiddiskutih biex issostni d-domanda jew l-eccezzjonijiet taghha; u l-gudikat ma jigix nieqes minhabba d-diversità tal-motivi tal-*causa petendi*. ("**Cole Foods Limited vs Accent Clear Traders Company Limited**" – **FGC, 4 ta' Gunju 1999**).

**19.** Dan huwa konformi ukoll mal-insenjament ta' awturi fuq il-materja li ighallmu hekk:- "*il giudicato si forma non solo in ordine a' ciò che fu espressamente discusso, ma ancora a quanto avrebbe dovuto discutersi e non discusso dalla parte che doveva discutere la propria istanza ed eccezzione*" (**Cesare Baldi, Manuale Prattico di Diritto Civile, Vol. 1, p.818**).

**20.** Fil-fatt l-insenjament tal-Qrati taghna dejjem kien li l-gudizzju jassorbi fih kull litigju, kemm jekk percipat mill-attur bil-kawza promotorja jew mill-konvenut in linea ta' difiza. Hekk tispjega l-Qorti fil-kawzi fl-ismijiet **Antonio Dagri vs Emanuele Dingli' (Ap. 27 ta' April 1953):** "*hu pacifiku li l-gudikat jassorbixxi kull eccezzjoni li, in meritu ghall-azzjoni, kien missha, jew setghat giet sollevata in relazzjoni ghall-azzjoni stess*".

**21.** L-istess inghad fis-sentenza **Carmelo Camilleri vs Spiru D'Amato** (**Ap. 2 ta' Marzu 1956 - XL. I. 65**) "*li ma jistax ikun lecitu lill-appellant li jerga' jipproponi l-istess domanda biex jinnewtralizza l-imsemmija decizjoni precedenti, billi jgib 'il quddiem ragunijiet jew provi li kien jaf bihom, u li seta' u messu jgib fil-kors tal-process l-iehor. Jekk ma ghamilx hekk 'imputet sibi'; u l-imsemmija sentenza tal-15 ta' Gunju 1955 ma tistax tigi injorata u mqeghda fil-genb ghar-ragunijiet pre-ezistenti ghall-prolazzjoni taghha, allegati serotinament*". L-istess gie ritenut fis-sentenza **Carmelo Panzavecchia vs Constantino Caruana, 11 ta' Gunju 1956 - XLB. 1. 555**).

**22.** Fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti ma tistax ma tasalx ghall-konkluzjoni, li meta l-Qorti l-ohra investit l-eccezzjonijiet moghtija, b'mod partikulari dik ulterjuri, investit darba ghal dejjem anke l-mertu li ghandha quddiemha l-Qorti fil-kawza odjerna. Kwindi anke l-element ta' *eadem causa petendi* gie sodisfatt. Dan ifisser li fil-kawza odjerna jikkonfiguraw l-elementi kollha tal-Istitut tar-*res iudicata*.

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost u fid-dawl tad-decizjoni tal-Qorti Magistrati (Malta) fl-ismijiet Bim Ltd -vs- Vassallo and Xuereb Limited tal-24 ta' Novembru 2009, din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi **tichad** it-talbiet tas-Socjeta` attrici.

Fic-cirkostanzi tal-kawza l-ispejjes jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula mill-Qorti dwar il-principju ta' *res iudicata* u l-artikolu 774 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li kopja ta' din is-sentenza tkun notifikata, a kura tar-Registratur tal-Qrati, lill-Kummissjoni Dwar il-Ligijiet.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**